

**KSUR TAD-DRITTIJET TAL-AWTUR ONLINE FL-UNJONI  
EWROPEA  
MUŻIKA, FILMS U TELEVIŻJONI (2017-2018), XEJRIET U MOTIVATURI  
SOMMARJU EŻEKUTTIV**



## KSUR TAD-DRITTIJET TAL-AWTUR ONLINE FL-UNJONI EWROPEA MUŻIKA, FILMS U TELEVIŻJONI (2017-2018), XEJRIET U MOTIVATORI

ISBN 978-92-9156-271-8 doi: 10.2814/907556 TB-03-19-814-EN-N

© L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, 2019  
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata sakemm is-sors ikun rikonoxxut

## TIM TAL-PROĠETT TAL-EUIPO

Nathan Wajsman, Ekonomist Kap  
Francisco García-Valero, Ekonomist  
Altair Breckwoldt Jurado, Assistent tar-Riċerka

## RIKONOXXIMENTI


L-awturi huma grati lejn Alexander Cuntz mill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettuali, u Raphaël Berger u Olivier Muzeeller minn La Haute Autorité pour la diffusion des œuvres et la protection des droits sur Internet (Hadopi) għall-kummenti utli tagħhom dwar l-abbozz tar-rapport.

## SOMMARJU EŻEKUTTIV

Dan ir-rapport jeżamina l-konsum ta' kontenut li jikser id-drittijiet tal-awtur fit-28 Stat Membru tal-UE, għal programmi televiżivi, mużika u films, permezz ta' varjetà ta' metodi ta' aċċess minn fuq desktop jew bil-mowbajl, inkluż strimjar, tniżżil, torrents u rippjar ta' softwer. Ir-rapport jikkonsisti f'żewġ partijiet, analiżi deskrittiva tax-xejriet fil-konsum ta' kontenut ta' ksur, u analiżi ekonometrika tal-fatturi li jinfluwenzaw id-differenzi fir-rati tal-piraterija fost l-Istati Membri tal-UE.

L-analiżi hija bbażata fuq sett għani ta' *data* dwar l-aċċess għall-mużika, għall-films u għall-programmi televiżivi piratati fit-28 Stat Membru kollha, għall-perjodu minn Jannar 2017 sa Settembru 2018 l-*data* tkopri kemm apparat fiss kif ukoll mobbli, kif ukoll il-metodi ewlenin ta' aċċess: strimjar, tniżżil, torrents u rippjar ta' strim.

L-aħbar it-tajba f'dan ir-rapport hija li l-piraterija diġitali qed tonqos, kif jidher fil-figura ta' hawn taħt. Bejn l-2017 u l-2018, l-aċċess ġenerali għal kontenut piratat naqas bi 15 %. It-tnaqqis kien l-aktar evidenti fil-mużika, 32 %, segwita mill-films (19 %) u mit-televiżjoni (8 %).



Madankollu, il-piraterija għadha problema sinifikanti, ferm aktar f'xi Stati Membri milli f'oħrajn. L-utent medju tal-internet fl-UE aċċessa kontenut piratat 9.7 darbiet kull xahar fl-2018, li jvarja minn kważi 26 darba kull xahar fil-Latvja u fil-Litwanja għal inqas minn 4 darbiet kull xahar fil-Finlandja.

L-analiżi ekonometrika fit-Taqsima 5 tfittex li tispjega dawn id-differenzi fost l-Istati Membri. Abbażi ta' rieżami tal-letteratura eżistenti u s-sorsi ta' *data* disponibbli, ġew eżaminati għadd ta' fatturi li jistgħu jinfluwenzaw il-konsum ta' kontenut piratat f'pajjiż partikolari. Dawn il-fatturi kienu jinkludu varjabbli soċjoekonomiċi (il-livelli ta' dħul, l-edukazzjoni, l-inugwaljanza u l-qgħad); varjabbli demografiċi bħall-proporzjon taż-żgħażaġħ fil-popolazzjoni; varjabbli relatati mal-karatteristiċi tal-post tas-suq rilevanti, inkluż id-daqs tas-suq, il-firxa tal-infrastruttura tal-internet u l-għadd ta' offerti legali disponibbli għat-tipi differenti ta' kontenut; u l-attitudnijiet lejn il-ksur tal-proprjetà intellettuali, kif irrapportat fl-istudju dwar il-Perċezzjoni tal-IP ippubblikat mill-EUIPO.

Fost il-fatturi soċjoekonomiċi, il-livell ta' **dħul per capita** u l-firxa tal-**inugwaljanza** jidher li għandhom l-akbar impatt fuq il-konsum ta' kontenut piratat: livell għoli ta' dħul per capita u grad baxx ta' inugwaljanza fid-dħul huma assoċjati ma' livelli aktar baxxi ta' konsum illeċitu. **Id-daqs globali tas-suq**, kif imkejjel mill-għadd ta' utenti tal-internet f'pajjiż, huwa importanti wkoll: il-konsum medju ta' kontenut piratat huwa aktar baxx fi Stat Membri akbar, dment li l-affarijiet l-oħra jkunu ugwali. **Aċċettazzjoni** akbar **tal-piraterija diġitali**, kif muri fl-istudju dwar il-Perċezzjoni tal-IP, hija assoċjata wkoll ma' livell ogħla ta' konsum ta' kontenut piratat.

Ħareġ wkoll li xi wħud mill-varjabbli l-oħra eżaminati kellhom impatt fuq il-konsum ta' kontenut piratat, iżda dan l-impatt ma kienx ċar. Pereżempju, is-**sensibilizzazzjoni dwar offerti legali** (kif irrapportat fl-istudju dwar il-Perċezzjoni tal-IP) jidher li tnaqqas il-konsum ta' films piratati iżda żżid il-konsum ta' kontenut tat-televiżjoni piratat, filwaqt li ma kien hemm l-ebda impatt statistikament sinifikanti fuq il-konsum tal-mużika. Jidher li r-relazzjoni bejn l-offerti legali u l-piraterija hija waħda kumplessa u tiġġustifika li jsiru aktar studji.

Studju ta' segwitu, li għandu jsir fl-2020, ser jeżamina l-konsum ta' films individwali piratati fit-28 Stat Membru kollha, possibbilment imqabbel mal-konsum leġittimu tal-kontenut korrispondenti (eż. dħul mill-uffiċċju tal-biljetti).